**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 14 ta' Frar, 2018

Rikors Guramentat numru : 271/11 AL

**A B f'ismu proprju u b'digriet tat-22 ta' Settembru 2011 gie nominat bhala kuratur ad litem ta' uliedu minuri X, Y, Z u W ahwa B ID No 387752 M**

**vs**

**Laura B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li permezz tieghu jippremetta :

Illi l-kontendenti zzewwgu fit-18 ta' Ottubru 1990 (Dok A) mill-liema zwieg twieldu sebat itfal u cioe' J, S u Lorraine ahwa B li huma maggoreni u X, Y, Z u W ahwa B rispettivament ta' hmistax-il sena, tnax-il sena, ghaxar snin u disa' snin;

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhiex possibbli minhabba ragunijiet imputabbli unikament lill-intimata u senjatament

(1) adulterju ma diversi rgiel li uliedhom jafuhom billi l-intimata kienet iddahhal dawn l-irgiel fil-fond konjugali quddiem uliedha ghalkemm kienu jarawhom ma ommhom l-intimata f'postijiet ohra wkoll u dawna l-irgiel kienu jittiehdu fil-kamra tas-sodda waqt li zewgha kien ikun rieqed fil-pjan terran tal-istess fond billi kien jigi mraqqad mill-intimata permezz ta' pilloli tal-rqad li martu kienet thawwadlu mal-ikel oltre sustanzi ohra u dan anke quddiem uliedha u;

(2) abbadun ghal perjodu ta' ghaxar snin matul liema zmien l-esponent ha hsieb esklussivament ta l-ulied komuni tal-partijiet u ghadu jiehu hsiebhom wahdu sa llum;

Illi in vista ta' dawn it-tortijiet gravi kommessi mill-intimata esklussivament, z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment;

Illi l-esponent inghata l-awtorizzazzjoni biex jipprocedi ghas-separazzjoni personali b'digriet opportun moghti mill-Qorti kompetenti (Dok B);

Talab in vista tal-premess li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba adulterju u abbandun kif ukoll talli z-zwieg tal-partijiet tkisser irrimedjabilment minhabba tortijiet unikament imputabbli lill-intimata;
2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri X, Y, Z u W ahwa B f'idejn l-esponent pro et noe;
3. Tikkundanna lill-intimata biex tissomministra retta alimentarja lill-esponent pro et noe bhala manteniment ghalih u ghall-minuri X, Y, Z u W ahwa B f'ammont li jigi prefiss f'dan ir-rigward;
4. Tordna lill-intimata biex thallas lill-esponent pro et noe l-arretrati ta' manteniment, jekk ikun il-kaz, ghalih u ghall-minuri X, Y, Z u W ahwa B kif ukoll fir-rigward tal-ulied l-

ohra tal-partijiet, llum maggorenni u cioe' J, S u Lorraine ahwa B u dan ghall-perjodu kollu tas-seprazzjoni de facto;

5. Tapplika fil-konfront tal-intimata l-effetti kollha tal-artikoli 48 u 50 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fejn applikabbli;
6. Tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess u taqsamha bejn il-kontendenti hekk kif jigi stabbilit u ordnat minn din il-Qorti konsegwenti, inter alia ghad-dati tal-akkwisti tad-diversi oggetti formanti parti mill-istess komunjoni u ghad-data stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess intimata ghandha tkun ikkunsidrata hatja tal-firda, liema porzjonijiet jigu assenjati, wahda lill-esponent pro et noe u l-ohra lill-intimata billi okkorrendo, ghall-finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mehtiega u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar biex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-Att relattiv;
7. Tiddikjara u tiddeciedi li l-fond konjugali sitwat numru 2, Alley 1, Pjazza Darnino, huwa proprjeta personali tal-esponent pro et noe u konsegwentement tordna li l-istess fond jigi okkupat esklussivament minnu ad eskluzjoni tal-intimata;
8. Tordna lill-intimata biex tikkonsenja lill-esponenti pro et noe l-proprjeta personali tieghu li talvolta jinsabu fil-pussess tal-intimata u tordna ukoll biex l-istess intimata trodd lill-esponent pro et noe l-oggetti tad-deheb appartenenti lill-minuri u konsistenti inter alia fi crieket u msielet tad-deheb u li uhud minnhom gew regalati mill-intimata lill-irgiel li maghhom kellu relazzjonijiet extra-konjugali u in difett tillikwida l-valur taghhom bl-opra ta' perit nominandi u tordna lill-intimata biex thallas lir-rikorrent pro et noe l-ammont hekk likwidat;
9. Tawtorizza lill-esponent pro et noe biex jirregistra s-sentenza eventwali moghtija minn din il-Qorti fir-Registru Pubbliku;

Bl-ispejjez kontra l-intimata ingunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li *in forza* taghha eccepiet: (fol. 19)

1. Illi in linea preliminari l-eccipjenti taqbel li ghandha tkun pronunzjata s-separazzjoni personali bejnha u bejn zewgha r-rikorrent, stante li z-zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli u dana minhabba htijiet imputabbli unikament lir-rikorrenti u dana kif ser jkun dettaljatament provat fil-mori u waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat l-affidavits kollha ppreżentati u d-dokumenti annessi.

Rat l-atti kollha tal-proċediment.

Rat il-verbali tas-seduti kollha miżmuma quddiem l-Assistenti Ġudizzjarji Dr. Tanya Sammut Catania u Dr. Anna Mallia, kif ukoll id-dokumenti hemmhekk esebiti. Tiddeplora l-fatt illi minkejja li l-assistenti ġudizzjarji iffissaw bejniethom mhux inqas minn ħamsa u għoxrin seduta għas-smigħ tal-provi tal-partijiet f'din il-kawża, il-partijiet utilizzaw biss tlieta minnhom. Dan m'huwiex għajr telf ta' ħin tal-Qorti u atteġġjament li tassew għandu jħammar wiċċ id-difensuri tal-partijiet li tawlu l-kawża inutilment għal sitt snin.

Rat illi l-konvenuta ma ressqet ebda prova u l-uniku kontribut tagħha f'din il-kawża kienet il-preżentata tar-risposta ġuramentata tagħha. Wara din, hija totalment tilfet l-interess u qatt ma dehret għall-udjenzi quddiem il-Qorti u s-seduti quddiem l-Assistent Ġudizzjarju.

Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza.
Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-Qorti għandha quddiemha kawża ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi B. Jiġi nnotat li m'hemm l-ebda kontro-talba da parti tal-intimata. Issir referenza għar-rikors promotur li permezz tagħha l-attur jelenka x'inhuma l-pretensjonijiet tiegħu fil-kawża odjerna:

1. Tiddikjara li kwantu għar-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ, din għandha tingħata lill-intimata minħabba ħtijiet imputabbli lilha fosthom l-adulterju u l-abbandun;
2. Tordna li l-kura u kustodja ta' uliedhom minuri tkun fdata f'idejh;
3. Tikkundanna lill-intimata sabiex tħallas manteniment għal uliedhom minuri, inkluż l-arretrati ta' manteniment minn kemm ilhom separati *de facto* l-partijiet;
4. Tiddikjara li l-intimata dekadiet mid-dritt li titlob u/jew tirċievi manteniment mingħand l-esponenti;
5. Tapplika kontra l-konvenuta d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 et seq. tal-Kodiċi Ċivili;
6. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti;
7. Tiddikjara illi d-dar matrimonjali tal-partijiet hija propjeta` parafernali tiegħu;
8. Tordna lill-intimata tikkonsenjalu l-beni / krediti dotali u parafernali kollha tiegħu;

## 1. Dwar ir-Responsabilita` għat-Tkissir taż-Żwieġ

Il-partijiet iżżewġu fit-18 t'Ottubru 1990 fil-Kappella ta' San Pawl tat-Tarġa fin-Naxxar[1]. L-attur kellu tmienja u tletin (38) sena filwaqt illi l-konvenuta kellha biss wieħed u għoxrin (21) sena.

Permezz tal-affidavit tiegħu[2], l-**attur** jispjega illi madwar għaxar snin wara ż-żwieġ, huwa ra bidla kbira fil-mara tiegħu. Saret

---

[1] Ċertifikat taż-żwieġ relattiv jinsab esebit fol. 5
[2] Esebit fol. 75

traskurata bil-mod li kienet tieħu ħsieb it-tfal u saret traskurata wkoll fil-mod kif kienet iżżomm id-dar. Lanqas bdiet tfittxu għas-sess u meta jfittixha hu, moħħha kien ikun x'imkien ieħor u ma tkomplix miegħu. Birdet għal kollox minnu. Spiss beda jara l-irġiel viċin id-dar tiegħu. Ittraskurat lit-tfal anke fejn jidħol it-tisjir u t-tfal kellhom ħwejjiġhom maħmuġin u jintnu. Ma kinitx qed taħsel il-ħwejjeġ regolarment u spiss kien ikun hemm munzelli ta' ħwejjeġ użati fil-banju, oltre munzelli ta' platti, borom u posati maħmuġin fil-kċina. Ma kinitx qed taħsel l-art regolarment bħal qabel u tfarfir mill-inqas. Kull fejn tħares kollox kien jidher maħmuġ. Beda jissuspetta li kellha wiċċ ħaddieħor u minkejja li ma kellux provi kien iddeċieda li jikkonfrontaha. *"L-iskop tiegħi kien li tidbiddel u mhux li titlaq u fil-fatt ma kellix il-ħsieb li nġiegħlha titlaq mid-dar. Kont għedtilha li kelli suspetti li kellha wiċċ ħaddieħor u li ma kienx sewwa li kienet abbandunat il-familja kollha u id-dar bil-mod li spjegajt. Kont għedtilha li kellha tagħżel. Jew toqgħod miġbura mal-familja jew titlaq. Kont bqajt skantat meta qaltli kiesaħ u biered li kienet ser titlaq u fil-fatt hekk għamlet."* Xi ġimgħatejn wara sar jaf li marret toqgħod ma' ċertu Karmenu fis-Siġġiewi. Minn dakinhar li telqet hija qatt m'uriet iktar interess f'uliedha li kienu għadhom żgħar, bl-ikbar waħda minnhom li kellha 9 snin.Għalhekk huwa beda jrabbi lit-tfal mill-aħjar li seta u kellu anke jitlaq mix-xogħol biex jiddedika ruħu għat-trobbija t'uliedu. Jħossu mweġġa illi *"Għaddew is-snin u marti baqgħet qatt ma pprovat tkellem jew tara lil uliedha."* Sussegwentement uliedu l-kbar irrakkontawlu ħafna dwar ommhom u wkoll ħadulu sorra li fiha kien hemm imgeżwrin *blue films* u oġġetti relatati mas-sess, liema oġġetti huwa ma kienx jaf bl-eżistenza tagħhom sakemm tawhomlu t-tfal.

Ulied il-kbar tal-partijiet u cioe **J B** u **Lorraine u S B**[3] xehdu bil-proċedura tal-affidavit u rrakkontaw l-istess tifkiriet dwar ommhom. Jgħidu illi żmien twil qabel m'abbandunathom, ommhom kienet tara għadd ta' rġiel id-dar bi nhar, waqt li missierhom kien ikun ix-xogħol. Kien ikollha x'taqsam sesswalment ma' dawn l-irġiel f'kamra tas-sodda fis-sular t'isfel tad-dar u huma kemm-il darba rawha minn tieqa li tagħti għal

---

[3] Affidavits esebit fol. 77 et seq.

barra t-triq. Spiss kienet toħroġ ma xi raġel matul il-jum u tibgħat xi raġel ieħor jieħu ħsiebhom, sakemm hija tkun barra. Inoltre kienet tmur sikwit għand ġar tagħhom, armel, u kienet iddum għandu. Kienet ukoll tħobb tara l-*blue films,* anki qabel ma huma jkunu telqu għall-iskola u għalhekk xi drabi kienu jaraw xi siltiet minnhom. Speċjalment fis-sajf, imma anke fix-xitwa, kienet teħodhom il-bandli tan-Naxxar u kien jgħaddi xi raġel għaliha u lit-tfal kienet tħallihom il-bandli waħedhom sakemm xi nies kienu joħduhom id-dar. Ilkoll xehdu li raw lil ommhom tixħet il-pilloli tal-irqad fit-te ta' missierhom, meta jiġi mix-xogħol u huwa kien jibqa' rieqed sa filgħodu. Rawha wkoll titfagħlu s-soder li bih kienet tgħalli s-srievet, ġol-ikel. Ikkonfermaw li meta telqet mid-dar, hija abbandunathom kompletament u qatt ma ppruvat tarahom jew iċċemplilhom. Min-naħa l-oħta, missierhom kien telaq mix-xogħol sabiex jiddedika ruħu għat-trobbija tagħhom. Huma qatt ma kienu rrakkontaw lil missierhom dak li kienet tagħmel ommhom għaliex hija kienet theddidhom li ssawwathom biċ-ċintorin u fil-fatt ġieli għamlet dan bħala twissija. Minħabba li ommhom kienet titraskura t-tisjir u ma kinitx titmagħhom, xi drabi hija u ħutha kienu kostretti jisirqu l-ikel minn supermarket fil-viċin.

Mix-xiehda tar-Rappreżentant tal-Uffiċċju Elettorali, **Savio Borg**,[4] irriżulta illi kien hemm tassew żmien fejn il-konvenuta kienet tirrisjedi s-Siġġiewi, fejn fl-istess indirizz hemm irreġistrat ukoll ċertu A Calleja. Kien hemm ukoll żmien fejn hija rrisjediet ġewwa xelter għan-nisa, msemmi Dar Tereża Spinelli, fil-Belt Valletta.

## Prinċipji Legali

***"41. Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba."***[5]

[4] Xiehda mogħtija fis-seduta miżmuma nhar il-31 t'Ottubru 2014 mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Tanya Sammut Catania, fol. 104

[5] Artiklu 41 tal-Kodiċi Ċivili , Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

Rigward l-abbandun, kemm miċ-diċitura tal-artikolu appena ċċitat u wkoll minn ġurisprudenza kostanti tagħna, il-kriterji għal dikjarazzjoni ta' firda personali għab-bażi tal-abbandun huma tnejn: l-ewwel illi l-abbandun idum għal sentejn jew iżjed, it-tieni li l-abbandun iseħħ mingħajr raġuni tajba.

Fil-kawża Andrea Avellino vs. Regina Avellino,[6] insibu tifsira ċara ta' dawn il-kritrerji, fejn intqal: *"Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se maj jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċjoe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall-ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva, ta' min jabbanduna, li ma jerġax imur jgħammar mal-parti l-oħra. U biex ikun kundannabbli, l-abbandun irid ikun kapriċċuż, u mhux ġustifikat minn xi motiv raġjonevoli."*

Illi hawn issir referenza għall-kawża fl-ismijiet Josephine Anne Edwards vs. Avukat Dr. Joseph Xuereb noe.[7] fejn il-Qorti sostniet illi:- "*Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun inġust fiż-żmien tiegħu kollu ta' sentejn...*"

L-adulterju wkoll huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula: "***Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra***".[8] Di piu, l-ġurisprudenza kostanti tagħna tirritjeni illi "*L-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali*"[9]

---

[6] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Diċembru 1949.

[7] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Frar 1961.

[8] Artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[9] Hugh Greengrass vs. Lucia Greengrass, deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 98/2002/1RCP)

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallegaha, jistax fattwalment jagħti prova. F'dan l-istadju, il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna[10] fejn ġie dikjarat li: "*L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali ...... Huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika*".

### Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għall-Każ Odjern

Il-Qorti tirrileva illi sabiex tasal għal deċiżjoni ġusta, kien ikun ferm aħjar kieku l-konvenuta wkoll tat il-verżjoni tagħha. Iżda hija għażlet li ma tipparteċipax fil-proċeduri u għaldaqstant il-Qorti ma tafx x'kienet il-motivazzjoni tagħha biex aġixxiet bil-mod kif iddeskrivew żewġha u uliedha. Mill-provi miġjuba, m'hemm l-ebda dubju, li l-konvenuta hija ħatja kemm t'abbandun kif ukoll t'adulterju. L-abbandun tagħha ipprolunga ferm iktar minn sentejn, għax sal-lum il-ġurnata hija baqgħet m'għamlet l-ebda kuntatt m'uliedha. Lanqas ma kienet tmur tara lil uliedha ż-żgħar li kienu jgħixu l-Istitut tal-Ursolini tal-Belt. Hija sseverat kull kuntatt minn magħhom, daqs li kieku sparixxew minn wiċċ id-dinja. Irriżulta li l-abbandun kien wieħed volontarju u mhux ġustifikabbli. Għaldaqstant huwa kundannabbli f'għajnejn il-liġi.

Il-Qorti hija wkoll moralment konvinta li l-konvenuta wettqet adulterju fil-konfront ta' żewġha billi kellha relazzjonijiet sesswali ma' diversi rġiel. Illi kienu l-istess relazzjonijiet tagħha li xprunaw in-nuqqasijiet l-oħra kollha tagħha fiż-żwieġ bħat-traskuraġni tagħha fil-konfront t'uliedha. Illi għaldaqstant jirriżulta li dan l-adulterju tagħha wassalha biex tabbanduna lill-familja tagħha u konsegwentement għat-tkissir taż-żwieġ.

---

[10] Deċiża nhar is-27 ta' Novembru 2011 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 1715/2001/1RCP)

M'hemmx dubju wkoll illi l-konvenuta hija ħatja wkoll ta' moħqrija u eċċessi fil-konfront t'uliedha li xemx u xita kienu jitħallew il-bandli biex il-konvenuta setgħet tippersisti fir-rapporti adulteri tagħha. Ħalliethom mingħajr il-bżonnijiet neċessarji bħall-ikel u ħwejjeġ nodfa, tant li l-ulied kellhom xi drabi jisirqu l-ikel.

Għalhekk, fid-dawl ta' dan, il-Qorti tirrileva li m'hemm ebda raġuni għaliex m'għandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi ħtija tal- konvenuta li rrendiet ruħha ħatja t'adulterju u t'abbandun fil-konfront tal-attur, kif ukoll ta' moħqrija u eċċessi fil-konfront t'uliedha.

## 2. Dwar il-Kura, l-Kustodja u l-Aċċess tal-ulied minuri tal-partijiet

Miż-żwieġ bejn il-partijiet twieldu sebat'itfal li kienu lkoll iżgħar minn tnax-il sena meta ġew abbandunati minn ommhom. Jirriżulta li t-tliet ulied iż-żgħar tal-partijiet għamlu xi żmien jirrisjedu fil-Creche tal-Belt. Xehdet dwar dan il-**Madre Josephine Pisani**[11] fejn qalet illi l-attur kull nhar ta' Ġimgħa fil-għaxija kien imur għat-tfal u jerġa jirritornahom il-Ħadd fil-għaxija. Kien imur għalihom ukoll fil-festi. *"Dejjem kienu jiġu lura ndaf u A kien jieħu ħsiebhom ħafna. Ngħid illi lil Laura B qatt ma rajtha... Lil Laura B jiena ma nafhiex u qatt ma naf li kienet tiġi tara lit-tliet itfal tagħhom sakemm kont Madre hemmhekk".*

Xehdet ukoll **Sister Costantina Duca**[12] fejn qalet *"Jiena ilni 26 sena fil-Kunvent tal-Ursolini Piccola Casa di San Giuseppe, Marsamxett, il-Belt Valletta. Jiena naf lill-attur bħala raġel onest ħafna, qatt ma jċaħħad lil uliedu minn xejn, kien jagħmel sagrifiċċji għal uliedu. Nispjega li l-partijiet kellhom tlett'ibniet għandna Z, Y u Fabian (recte:W) u damu madwar erba' snin. F'dawn is-snin li kienu t-tfal għandna forsi ommhom ġiet*

[11] Xiehda mogħtija fis-seduta miżmuma nhar it-30 t'April 2013 mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Tanya Sammut Catania, fol. 56

[12] Xiehda mogħtija fis-seduta miżmuma nhar it-3 t'April 2014 mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Tanya Sammut Catania, fol. 71

*tarahom xi darba. It-tfal kienu jirrispettaw u jħobbu lil missierhom għax hu kien jieħu interess fihom. Lil ommhom qatt ma kienu jsemmuha... It-tfal kienu jħobbuh lil missierhom għaliex qatt ma abbandunahom. Ngħid li b'kollox l-attur kellhom sebat'itfal u kien baqa' jieħu ħsieb lill-erbat'itfal il-kbar filwaqt li t-tlett itfal żgħar, Z, Y u W konna nieħdu ħsiebhom aħna s-Sorijiet tal-Ursolini peress illi l-attur kien jaħdem. L-attur kien jieħu lit-tlett'ibniet id-dar tiegħu fil-weekend u kien jirritornahom il-Ħadd fil-għaxija minħabba l-iskola."*

Illi kif intqal, l-omm m'għamlitx sforz minimu sabiex iżżomm kuntatt m'uliedha u lanqas ma ċċemplilhom f'għeluq sninhom jew fil-Milied. Illi għalhekk, fil-każ odjern, irriżultaw l-estremi illi jwasslu lill-Qorti biex tafda l-kura u l-kustodja tal-ulied lill-ġenitur wieħed, f'dan il-każ lill-missier.

Illi minn dejjem kien ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li, f'kawżi bħal din, il-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. Fil-kawża Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli[13] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-każ u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment*;"

Illi fil-kawża fl-ismijiet Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless[14], il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze*

[13] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP
[14] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858;

*del caso – sotto quei provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Illi ngħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet John Cutajar vs. Amelia Cutajar et [15] u Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna[16] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."*

Il-Qorti għaldaqstant għandha s-setgħa illi jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-ġenituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili. Fil-każ odjern, jirriżulta li l-omm m'għandha l-ebda xewqa li flimkien mal-attur ikollha l-kura u l-kustodja t'uliedha. Illi għalhekk il-Qorti qiegħda tafda l-kura u l-kustodja ta' ulied il-partijiet li għadhom minorenni[17], esklussivament f'idejn l-attur missierhom b'dana illi kwalsiasi deċiżjoni (kemm ordinarja kif ukoll straordinarja) rigwardanti saħħa, edukazzjoni, reliġjon, trobbija, safar tal-minuri, inkluż il-ħruġ u/jew it-tiġdid tal-passaport tal-minuri u b'mod ġenerali kull deċiżjoni oħra rigwardanti l-minuri għandha tittieħed mir-rikorrenti waħdu mingħajr il-bżonn tal-awtorizazzjoni u/jew il-kunsens tal-intimata;

## 3. Dwar il-Manteniment għall-attur u għal ulied il-partijiet

[15] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956;

[16] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP)

[17] Ħafna mis-seba' ulied tal-partijiet, sal-preżenti laħqu l-eta` maġġorenni. Il-Qorti m'hijiex edotta eżattament min mill-ulied għadu taħt l-eta` in vista li d-data tat-twelid tagħhom ma tirriżultax mill-atti proċesswali.

Il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula: "***Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi."*** L-artikolu 3B tal-istess Kodiċi jistipula illi: "***Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

Għalhekk għab-bażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi verso l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija ta' l-istess. L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess: kull wieħed skond il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 20 ta' l-istess Kodiċi, u l-bżonnijiet ta' l-istess minuri.

Kif jaf kulħadd, meta l-Qorti tiġi biex tistabbilixxi manteniment, m'hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Iżda fl-artikolu 20 ta' l-istess Kapitolu insibu kif jitqies il-manteniment.

L-attur jitlob illi l-Qorti tiffissa manteniment għalih u wkoll għal uliedu minuri. F'Settembru 2011, meta ġie ppreżentat ir-rikors ġuramentat, kienu X, Y, Z u W li kienu minuri. Possibilment sal-preżenti, huma biss Z u W li għadhom taħt l-eta`. Huwa jitlob ukoll lill-Qorti tordna lill-konvenuta tħallsu arretrati ta' manteniment kemm għalih u wkoll għal uliedu kollha minn kemm ilhom separati *de facto*.

Il-Qorti fl-ewwel lok tirrileva illi ma nġiebet ebda prova dwar il-mezzi tal-partijiet. Jirriżulta biss illi l-attur huwa pensjonant u l-konvenuta hija *care worker*. Jirriżulta wkoll, illi l-attur ħalla l-impjieg tiegħu biex seta' jrabbi lit-tfal u għalhekk dana bla dubju naqqas drastikament l-introjtu tiegħu. Illi l-konvenuta abbandunat lill-familja ċirka fl-2002. Illi għaldaqstant għaddew ħmistax-il sena sal-lum. Minkejja t-trapass ta' daqstant żmien, il-manteniment huwa xorta dovut u dana stante illi jirriżulta sija

mill-Artikolu 2123(a) tal-Kodiċi Ċivili[18], u wkoll mill-ġjurisprudenza tagħna, illi l-preskrizzjoni ma timxix bejn il-miżżewġin, anke fil-każ ta' separazzjoni personali bejniethom. Fi kwalunkwe każ, il-preskrizzjoni ma tistax titqajjem *ex officio* għax hija kwistjoni ta' kuxjenxa tal-partijiet. Qed issir hawnhekk referenza għaliha, unikament għaliex saret referenza għaliha fin-nota ta' sottomissjoniet tal-attur[19].

Biex tistabilixxi u tillikwida l-imsemmi manteniment, il-Qorti qiegħda tikkunsidra li l-konvenuta, bħala *care worker*, kellha introjtu li jvarja bejn baxx u medju[20], li minnu riedet tgħix hija wkoll. Illi għalhekk il-Qorti hija tal-fehma, li l-manteniment dovut għall-attur u għas-seba' ulied minuri matul is-snin għandu jkun wieħed baxx u qed tistabbilixxi is-somma mensili ta' tliet mija u ħamsin Ewro (€350) in kwantu ħamsin Ewro (€50) rappreżentanti l-manteniment għall-missier u tliet mitt Ewro (€300) rappreżentanti l-manteniment għall-ulied komplessivament. Il-Qorti tqis illi matul is-snin, in-numru ta' ulied minuri u dipendenti beda dejjem jonqos. Illi pero` r-rata għandha tibqa' dik ta' tliet mitt Ewro kull xahar għall-ulied komplessivament, sabiex jagħmel tajjeb għall-għoli tal-ħajja fit-trapass ta' dawn il-ħmistax-il sena.

Illi għaldaqstant il-Qorti qiegħda tillikwida arretrati ta' manteniment fl-ammont komplessiv ta' tlieta u sittin elf Ewro (€63,000) maħdum bir-rata stabbilita iktar qabel, ta' tliet mija u ħamsin Ewro għal kull xahar, għal ħmistax-il sena[21].

Mill-preżenti 'l quddiem, il-Qorti qiegħda tordna lill-konvenuta sabiex tħallas lill-attur, kull xahar, is-somma ta' ħamsin Ewro (€50) rappreżentanti manteniment għall-attur u wkoll is-somma ta' mija u ħamsin Ewro (€150) għal <u>kull</u> wild li għadu minuri, liema somma tinkludi sehemha mill-ispejjeż għas-saħħa u l-

---

[18] *"2123.* ***Il-preskrizzjoni ma timxix -***
***(a) bejn ir-raġel u l-mara;"***

[19] Fol. 161

[20] Tenut kont ukoll tal-fatt li din għamlet xi żmien tirrisjedi f'xelter
[21] €350 x 12-il xahar x 15-il sena = €63,000.

edukazzjoni. Dan il-manteniment jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li tista' tipperċepixxi l-konvenuta u jibqa' jitħallas sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Iżda fl-eventwalita` li bint il-partijiet tibqa' tistudja, fuq bażi *full-time*, wara li tilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm it-tifla tagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż *children's allowance* jekk ikun il-każ, għandu jkun perċepibbli mill-attur.

## 4. Dwar id-Dekadenzi Stipulati fl-Artikolu 48 et seq. tal-Kodiċi Ċivili

L-attur jitlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront ta' martu id-dekadenzi stipulati fl-artikolu 48 et seq. tal-Kodiċi Ċivili.

Il-firda personali mmotivata mill-abbandun u mill-adulterju ġġib magħha, skond il-liġi, konsegwenzi ibsin, liema konsegwenzi f'każ ta' abbandun kif ukoll f'każ ta' adulterju huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront tal-konvenut/a ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi. L-Artikolu 48 jistipula:

***48. (1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -***

***(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827[22];***

***(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;***

***(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data***

---

[22] L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta' suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

***stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;***
***(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.***

M'hemm l-ebda dubju li ż-żwieġ bejn il-partijiet sfaxxa minħabba l-abbandun tal-konvenuta mid-dar konjugali u mill-familja, kif ukoll mill-adulterju tagħha. Bħala konsegwenza tas-sejba tal-ħtija tal-abbandun u tal-adulterju da parti tal-konvenuta, il-Qorti qegħda tapplika fil-konfront tal-intimata l-effetti in toto tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, fosthom illi tiddikjara, illi bl-imġieba tagħha l-intimata iddekadiet mid-dritt tagħha li tirċievi manteniment mingħand l-attur u wkoll li hija tilfet kull dritt ta' suċċessjoni li kien talvolta spettanti lilha wara l-mewt tal-attur.

## 5. <u>Dwar it-Terminazzjoni u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti</u>

Fl-ewwel lok, bis-saħħa tal-preżenti sentenza, il-Qorti qiegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet konjuġi B.

L-istess komunjoni tal-akkwisti tikkonsisti fis-segwenti[23]:

- Vettura Isuzu akkwistata fid-19 t'Awwissu 1991, billi tpartet ma' vettura parafernali tal-attur u magħha ħallas l-ekwivalenti ta' €2500 mill-fondi parafernali tal-attur u €995 mill-fondi tal-komunjoni tal-akkwisti. In vista li l-imsemmija vettura, li għandha mill-inqas sitta u għoxrin sena, llum

[23] Dawn jirriżultaw mir-rendikont ġuramentat tal-attur, fol. 138. L-ebda dokument ma tressaq in sostenn tal-valuri tal-oġġetti formanti parti mill-istess komunjoni, iżda dak kollu sottomess mill-attur mhuwiex kontradett u għalhekk m'hemm l-ebda raġuni għalfejn din il-Qorti ma taċċettax il-prospett ippreżentat mill-attur.

għandha valur iriżorju, m'hemmx lok ta' kumpens lill-konvenuta talli l-istess vettura qiegħda tiġi assenjata lill-attur. Lanqas m'hemm lok ta' rimbors lill-attur għall-ispiża li għamel minn flus parafernali tiegħu biex xtara l-istess vettura in vista li l-Qorti qiegħda tassumi li kien hu li gawda l-istess vettura, anke wara li l-partijiet isseparaw *de facto*.

- Għamara u benefikati fid-dar matrimonjali. L-attur jispjega li d-dar matrimonjali hija propjeta` parafernali tiegħu[24]. Wara ż-żwieġ, l-attur bena iktar kmamar f'din id-dar u b'fondi tal-komunjoni tal-akkwisti saru xogħol ta' aperturi li swew €350, xogħol ta' kisi li sewa €728 u €900 għall-materjal, flash doors u xambrelli li swew €700 u €1864 għall-għamara. Għaldaqstant b'kollox intefqu €4542 fondi tal-komunji sabiex saru l-istess benefikati. Inoltre l-attur nefaq €4800 mill-assi parafernali tiegħu għall-għamara. B'hekk jirriżulta illi l-attur għandu kreditu favur tiegħu fis-somma ta' €2529[25]. Il-Qorti hija tal-fehma illi minflok jingħata kumpens fi flus, l-istess għamara fid-dar (konsistenti f'sett għamara ta' kamra tas-sodda matrimonjali, żewġ kmamar tas-sodda oħra, *sottospecchio*, *fitted cupboard*, linfa u xi appliances) tiġi assenjata lill-attur bħala kumpens għall-kreditu parafernali tiegħu, u jiġi assenjat ukoll dak kollu li jinsab mill-għatba 'l ġewwa tad-dar sal-lum id-dar matrimonjali. Jiġi assenjat ukoll, id-depożiti kollha bankarji f'isem l-attur.

## 6. Dwar id-dar Matrimonjali

[24] M'huwiex kontradett

[25] Il-konvenuta għandha dritt ta' kumpens fl-ammont ta' €2271. L-attur għandu dritt ta' kumpens ta' €4800. €4800-€2271 = €2529.

Kif intqal mill-attur, minkejja li ma nġiebet ebda prova illi turi dan, id-dar matrimonjali tal-partijiet ossia l-fond Numru 2, Sqaq Numru 1, Pjazza Darnini, Naxxar, hija propjeta` parafernali tal-attur. Dan m'huwiex kontradett. Inoltre, l-konvenuta m'għandha l-ebda xewqa jew ħtieġa illi tmur lura tirrisjedi fl-imsemmi fond wara ħmistax-il sena nieqsa minnu. Illi għaldaqstant il-Qorti filwaqt illi tiddikjara li l-imsemmi fond m'għandux iktar jitqies bħala d-dar matrimonjali tal-partijiet, ma tarax għalfejn m'għandhiex tilqa' s-seba' talba tal-attur u tiddikjara illi l-imsemmi fond huwa propjeta` personali tiegħu u li l-fond ikun okkupat minnu esklussivament ad esklużjoni tal-intimata.

## 7. Dwar il-Beni Dotali u Parafernali tal-Attur

Permezz tat-tmien talba tiegħu, l-attur jitlob lill-Qorti sabiex tordna lill-konvenuta troddlu l-propjeta` personali tiegħu li jinsabu fil-pussess tagħha. Huwa jallega illi kellu xi deheb, tal-valur ta' €1,700, li kien xtara qabel iż-żwieġ. Jgħid illi dan id-deheb ma sabux meta martu abbandunat il-familja. Fil-fatt, bint il-partijiet, J B xehdet[26] illi l-istess deheb kien ittieħed minn ommha l-konvenuta u hija kienet ratu f'borża fil-baskett tagħha. Ommha kienet qaltilha illi kien bi ħsiebha tbiegħ l-stess deheb. Kienet wissietha biex ma tgħid xejn dwaru lil missierha. Il-Qorti tifhem illi m'huwiex possibbli, wara tant snin, illi l-konvenuta trodd lill-attur l-imsemmi deheb. Illi għaldaqstant hija għandha tikkumpensa lill-attur billi tħallsu il-valur tal-imsemmi deheb u cioe is-somma ta' elf u seba' mitt Ewro. (€1700)

Illi għalkemm l-attur, fit-tmien talba tiegħu, isemmi wkoll li l-konvenuta kienet approprjat ruħha minn oġġetti tad-deheb appartenenti lill-minuri, dana ma ġiex ikkonfermat fl-istadju tal-provi.

**<u>DEĊIDE</u>**

[26] Affidavit ulterjuri tagħha esebit fol. 147

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba attriċi u tippronunzja s-separazzjoni bejn il-partijiet konjuġi B minħabba tortijiet unikament imputabbli lill-intimata;

[2] Tilqa' t-tieni talba tal-attur u tafda l-kura u l-kustodja ta' ulied il-partijiet li għadhom minorenni, esklussivament f'idejn l-attur missierhom b'dana illi kwalsiasi deċiżjoni (kemm ordinarja kif ukoll straordinarja) rigwardanti saħħa, edukazzjoni, reliġjon, trobbija, safar tal-minuri, inkluż il-ħruġ u/jew it-tiġdid tal-passaport tal-minuri u b'mod ġenerali kull deċiżjoni oħra rigwardanti l-minuri għandha tittieħed mir-rikorrenti waħdu mingħajr il-bżonn tal-awtorizazzjoni u/jew il-kunsens tal-intimata;

[3] Tilqa' t-tielet talba tal-attur u konsegwentement tordna lill-konvenuta sabiex tħallas lill-attur, kull xahar, is-somma ta' ħamsin Ewro (€50) rappreżentanti manteniment għall-attur u wkoll is-somma ta' mija u ħamsin Ewro (€150) għal kull wild li għadu minuri, liema somma tinkludi sehemha mill-ispejjeż għas-saħħa u l-edukazzjoni. Dan il-manteniment jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li tista' tipperċepixxi l-konvenuta u jibqa' jitħallas sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Iżda fl-eventwalita` li bint il-partijiet tibqa' tistudja, fuq bażi *full-time*, wara li tilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm it-tifla tagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel.

[4] Tilqa' r-raba' talba attriċi u konsegwentement tordna lill-intimata tħallas lill-attur is-somma ta' tlieta u sittin elf Ewro (€63,000) rappreżentanti arretrati ta' manteniment għalih u għal ulied il-partijiet;

[5] Tilqa' l-ħames talba attriċi billi tapplika fil-konfront tal-konvenuta, l-effetti kollha tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili;

[6] Tilqa' s-sitt talba attriċi u filwaqt illi tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet konjuġi B, tiddividi l-istess komunjoni tal-akkwisti billi tassenja lill-attur il-vettura Isuzu akkwistata fid-19 t'Awwissu 1991, l-għamara kollha u l-benefikati fid-dar ġja d-dar matrimonjali u dak kollu li jinsab mill-għatba 'l ġewwa tad-dar.  L-attur jiġi assenjat ukoll, id-depożiti kollha bankarji f'ismu.

[7] Tilqa' s-seba' talba attriċi;

[8] Tilqa' limitatament it-tmien talba attriċi billi tordna lill-konvenuta tikkumpensa lill-attur għall-oġġetti parafernali tiegħu li ħadet fil-pussess tagħha, billi tħallsu is-somma ta' elf u seba' mitt Ewro (€1700).

[7] Tilqa' d-disa' talba attriċi;

Bl-imgħax legali jiddekorri fuq kwalsiasi ammont li huwa dovut skont din is-sentenza, b'effett minn għoxrin (20) jum mill-preżenti, sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż ikunu sopportati mill-konvenuta.